MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2011

Numru 288/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spetur Fabian Fleri)**

**vs**

***Ommissis* 1**
***Ommissis* 2**
***Ommissis* 3**
**Omissis**

**Illum, 8 ta' Frar 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

*Ommissis* 1;

*Ommissis* 2;

*Ommissis* 3; u

Omissis

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

**Lil Ommissis 1 u Omissis wahdehom akkuzati talli:**
1. Nhar it-18 ta' Dicembru 2010 minn gewwa is-St. Philips Pharmacy li tinsab gewwa Triq il-Vitorja, Isla, ikkometew serq ta' diversi prodotti kosmetici u fwejjah liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro, ghad-dannu ta' Arlette Falzon u/jew persuna/i ohra.

**Lil Ommissis 1, Ommissis 3 u Ommissis 2 wahedhom akkuzati talli:**
1. Nhar it-18 ta' Jannar 2011 ghall-habta tas-18:20hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Jet Setter li jinsab gewwa il-lukanda Le Meridien li qieghda gewwa ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan ikkometew serq ta' deheb liema serq ma jeccedix l-232.94 Euro, izda li huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin ghad-dannu ta' il-propjetarji tal-kumpanija Classic Jewellers u/jew persuna/i ohra u aktar talli:
2. Nhar is-17 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' l-16:30hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Charlotte Self Service li jinsab gewwa Triq il-Vitorja, Qormi ikkometew serq ta' flus kontanti liema serq ma jeccedix l-232.94 Euro, izda li huwa aggravat bil-vjolenza u bil-mezz ghad-dannu ta' Oliveanne Briffa u/jew persuna/i ohra u aktar talli:
3. Nhar is-17 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' l-16:45hrs minn gewwa Bazaar li jinsab gewwa Triq il-Vitorja, Qormi ikkometew serq ta' flus kontanti liema serq ma jeccedix l-232.94 Euro, izda li huwa aggravat bil-vjolenza u bil-mezz ghad-dannu ta' Josefa Farrugia u/jew persuna/i ohra.

**Lil Omissis, Ommissis 3 u Ommissis 2 wahedhom akkuzati talli:**

1. Nhar is-6 ta' Jannar 2011 minn gewwa is-St. Thomas Pharmacy li tinsab gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, ikkometew serq ta' diversi prodotti kosmetici u fwejjah liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro u bil-vjolenza ghad-dannu ta' Arlette Falzon u/jew persuna/i ohra.

**Lil Ommissis 1 u Ommissis 3 wahedhom akkuzati talli:**

1. Nhar il-15 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' l-16:20hrs minn gewwa il-Browns Pharmacy li tinsab gewwa Vjal il-Helsien, Zebbug (Malta), ikkometew serq ta' flixkun fwieha liema serq ma jeccedix l-232.94 Euro ghad-dannu ta' Corinne Elbourne u/jew persuna/i ohra.

**Lil Ommissis 1 wahdu akkuzat talli:**

1. Nhar it-13 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' bejn is-14:20hrs u it-15:00hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Hair Tech Team li jinsab gewwa Triq Kananea, Attard ikkometta serq ta' flus kontanti u prodott kosmetiku liema serq ma jeccedix l-232.94 Euro, izda illu huwa aggravat bil-mezz ghad-dannu ta' Ritienne Ellul, Rachel Cini u/jew persuna/i ohra u aktar talli:
2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD datata 5 ta' Mejju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel u aktar talli:
3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruha bhala ricediv billi kiser il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, fejn gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel uaktar talli:
4. Irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**Lil Ommissis 3 wahedha akkuzata talli:**

1. Irrendiet ruha ricediva ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**Lil Ommissis 2 wahedha akkuzata talli:**
1. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kisret il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. G. A. Apap Bologna LLD datata 11 ta' Dicembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

**Lil Omissis wahdu akkuzat talli:**
1. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD datata 26 ta' Jannar 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel u aktar talli:
2. Irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(a)(c), 262(b), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Q orti bhala Qorti Struttorja l-imputat Omissis ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu..

Semghet ix-xhieda dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena u l-mod kif ghandha titratta ma'l-imputat il-Qorti tibda biex tirrileva li ghalkemm l-imputat ghad ghandu hmistax il-sena huwa diga gie misjub hati hames drabi ta' diversi reati; l-ewwel reati ikkommettiehom meta kellu tnax il-sena. L-ahhar sentenzi mghotija fil-konfront tieghu inghataw nhar it-3 ta' Frar 2011 decizi mill-Qorti tal-Minorenni presjeduta mill-Magistrat sedenti. Mit-3 ta' Frar sa' llum ma dbiddel xejn fic-cirkostanzi ta' l-imputat u l-konsiderazzjonijiet li gwidaw lill-Qorti f'dawk il-proceduri ghadhom japplikaw illum u huma l-istess kunsiderazzjonijiet li ser jigwidawha fid-decizjoni taghha ta' llum.

Illi a skans ta' ekwiovoci dawn il-kunsiderazzjonijiet qed jigu hawn riprodotti.

*Illi din il-Qorti diga kellha okkazzjoni tinnota l-preokupazzjoni taghha dwar ir-rata allarmanti li biha qed jeskalaw il-problemi ta' Omissis. Sfortunatament gara li mill-ahhar sentenzi sa' llum is-sitwazzjoni ta' Omissis mhux talli ma baqghext fejn kienet imma kompliet tiddegenera. Mill-informazzjoni migbura llum Omissis (li ghad ghandu hmistax il-sena) qed jiehu gramma eroina kuljum. In oltre huwa qed jirrikorri ghall-prostituzzjoni u ghas-serq biex ikun jista' jmantni dan il-vizzju qerriedi.*

*Illi numru ta' professjonisti ilhom zmien jahdmu ma' Omissis u jippruvaw jindirizzawh lejn dawk is-servizzi offruti minn xi agenziji b'l-ghan li jaghraf jirriabilita ruhu. Anke din il-Qorti hadet diversi mizuri minn zmien ghal zmien fil-konfront ta' Omissis: rikoveri l-Isptar Monte Carmeli, l-impozizzjoni ta' probation, ordni ta' residenza f'Dar Patri Leopoldu, u anke perjodu qasir ta' prigunerija. Dawn il-mizuri kollha ghadhom ma hallewx l-effett mixtieq tant li llum mhux talli l-Qorti regghet giet rinfaccjata b'kawza gdida dwar reati ohra li kkommetta Omissis imma qed tigi rinfaccjata b'persuna, guvni ta' hmistax il-sena, li*

*issa ghandu ukoll problema gravi ta' abbuz mid-droga eroina.*

*Illi f'l-atti tal-proceduri li qed jintsemghu kontestwalment kienu gew prezentati rapport minn psikjatra u psikologu. Il-Qorti kienet irriproduciet estratt minn dak li kienu qalu fis-sentenzi taghha tal-21 ta' Lulju 2010 u ser terga tirriproduci l-istess estratti f'dawn is-sentenzi b'l-istess sottolinear taghha.*

*Illi l-espert psikjatriku Dr Joseph Saliba kien qal li Omissis juri sinjali ta' problemi psikjatrici cioe gender identity disorder, substance use disorder u unsocialised conduct disorder. Minhabba dawn il-problemi u l-fatt li huwa minorenni piena ta' habs tkun ta' hsara ghallih. Idejalment ghandu bzonn ta' ghajnuna psikjatrika u psikologika semi-residenzjali fis-sens li waqt li qed jiehu ghajnuna psikologika ghall-gender identity issues u substance use disorder jghix ghand ommu sakemm igib ruhu sew, izda jiddahhal temporanjament ghal perjodi ta' kontroll u kura residenzjali kull meta jkun ghaddej minn fazijijet hziena.* ***Izda hawn Malta (m'hawn) l-ebda facilita ta' din in-natura li taccetta zaghzagh b'dawn il-problemi. L-isptar Monte Carmeli mhuwiex ambjent addattat ghal dan il-ghan***[1]*…….*

*Illi l-espert psikologu Anthony Gatt da parti tieghu qal li Omissis would greatly benefit from a contained residential therapeutic environment / programme that would have the scope of a secure unit (away from harm's way) and that of a rehabilitative therapeutic unit.* ***All professionals … are aware of the absence of such a service and the lacuna in service provision***[2]*.*

*Illi kemm kien ikun ta' beneficcju ghall Omissis dan is-servizz huwa aktar lampanti minn qatt qabel u jkompli jirrizulta minn dak li kompla jisvolgi minn meta Omissis skonta l-piena karcerarja gia imposta. Rega deher bic-car li sakemm Omissis ikun taht kontroll effettiv ta' nies*

[1] Sottolinear tal-Qorti
[2] Sottolinear tal-Qorti

*professjonisti huwa jirregistra xi progress pero malli jerga lura f'l-ambjent familjari jintilef il-progress kollu minhabba li huwa bniedem vulnerabbli u minhabba li fil-liberta' tad-dar t'ommu (u f'kuntatt rinnovat ma' dawk il-persuni ta' karattru dubbju li qed jaghmlu minn kollox biex jaqbdu lil Omissis fix-xibka tal-kriminalita) malajr jerga jaqa' ghall-vizzji li mhux biss qed iwassluh ghal agir illegali imma huma ta' detriment kbir ghalih.*

*Illi mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal tal-probation il-Qorti fehemet li ghalkemm Omissis mhux qed joqghod ghad-direttivi kollha taghha u tas-social worker hu qed jagixxi b'dan il-mod ghaliex huwa bniedem dajjef hafna u f'l-ambjent liberu fejn jghix jigi suggestjonat minn dawk l-elementi negattivi li jiccirkondawh u malajr jaqa ghal din l-influenza negattiva; influenza negattiva li qeghda kostantement f'hajjtu ghad-differenza ta'l-influenza li jista' jkollhom l-ufficjal tal-probation officer u s-social worker li jkunu disponibbli ghalih fil-limiti ta'l-esigenzi ta' xogholhom.*

*Illi huwa propju minhabba f'hekk li l-Qorti hasset il-htiega li terga tissottolinea dak li qalu l-esperti fuq kwotati. Hija konvinta li kieku tezisti f'Malta a contained residential therapeutic environment / programme that would have the scope of a secure unit (away from harm's way) and that of a rehabilitative therapeutic unit fejn Omissis setgha' jinzamm 'l boghod minn dawk l-elementi negattivi f'hajjtu (elementi li tant qed jigbduh 'l isfel) ix-xoghol tal-professjonisti li jahdnu mieghu jkun jista' jhalli l-effett mixtieq.*

*Illi mill-ahhar informazzjoni li nghatat il-Qorti waqt is-smiegh ta' dawn il-kawzi jidher ukoll li m'hawx programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga ideat propju u esklussivament ghal-minorenni b'mod li l-accettazzjoni taghhom (minorenni) fil-programmi residenzjali gia ezistenti (u apparentement aktar ieati ghall-adulti, forsi bi problemi aktar akuti) hija problematika. Kien wara sforzi kbar ta'l-ufficjal tal-probation u tas-social worker li ser jiskatta mekkanizmu biex Omissis ikun jista' jibda programm residenzjali; u dan x'aktarx li jkun jista*

*jibdih fi ftit xhur ohra. Pero biex ikun jista' jaghmel dan huwa essenzjali li fil-frattemp ma jibqax jiehu droga u li ma jkunx qed jiehu aktar minn certu doza ta' methadone. Dan ifisser li huwa essenzjali li f'dan il-perjodu Omissis jinzamm 'l boghod mill-ambjent tieghu u preferibbilment ikun taht il-kontroll effettiv ta' nies professjonisti.*

*Illi rinfaccjata b'din ir-retroxena l-Qorti regghet trid tiehu decizjoni fil-konfront ta' Omissis; u bhal drabi ohra l-Qorti hija tal-fehma li dak li ghandu bzonn primarjament Omissis huwa ghajnuna pero l-Qorti hija daqstant konvinta lil Omissis ghandu bzonn ukoll jitghallem u jaccetta li hu ukoll irrid jirrispondi ghall-agir tieghu u li l-Ligijiet u r-regoli qeghdin hemm biex jigu osservati minn kullhadd, minorenni inkluzi.*

*Illi kif diga ntqal illum il-Qorti ser tiddeciedi zewg proceduri fil-konfront ta' Omissis fis-sens li trid tiddisponi mill-kawza odjerna u trid tiddeciedi x'provvedimenti ser tiehu in vista tal-ksur ta'l-ordni ta' probation tas-26 ta' Jannar 2011 kif sussegwentement emendat.*
*Illi tenut kont ta' dan, u tenut kont tac-cirkostanzi u l-kunsiderazzjonijiet kollha hawn fuq elenkati, il-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq li ghandha fil-mod kif ser titratta ma' Omissis tibqa li timponi piena karcerarja f'wahda mill-proceduri, u probation fil-proceduri l-ohra b'mod li meta Omissis jiskonta l-piena karcerarja xorta jkollu dik l-unika ghajnuna li tista' tiprovdih biha l-Qorti u dan ghall-itwal zmien possibbli. Din id-darba pero l-perjodu ta' karcerazzjoni ser ikun twil bizzejjed biex dak kollu li jkollu jsir bi preparazzjoni ghad-dhul tieghu fil-programm ta' riabilitazzjoni jsir meta huwa jkun ghadu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin b'mod li mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin huwa jibqa sejjer dritt il-programm*

Illi fir-rigward ta'l-inkarcerazzjoni tal-minorenni l-Qorti, kif diga kellha okkazzjoni, ser terga tirrileva l-konsapevolezza taghha li l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, kif gestieta, mhux il-post ideali fejn minorenni ghandhom jiskontaw perjodu ta' detenzjoni. Pero l-Ligi taghna tipprovdi biss ghall-piena karcerja (prigunerija jew detenzjoni) fil-habs; u ma tipprovdi ghall-ebda forma ohra ta' detenzjoni li tista' tkun

aktar idonea u mahsuba propju ghal minorenni fejn l-emfasi tkun l-edukazzjoni u r-riabilitazzjoni taghhom. Minkejja dan il-Qorti hija marbuta bil-Ligijiet vigenti u huma dawn il-Ligijiet li hija trid tapplika.

Illi din il-Qorti ser terga tiehu l-opportunita ukoll biex tissottolinea mhux biss il-bzonn ta' xi forma alternattiva ta' detenzjoni ghall-minorenni u li tista' tigi applikata meta minorenni jinstabu hatja ta' xi reat u ordni ta' probation ma tkunx l-ahjar soluzzjoni, imma l-bzonn ukoll li jigi assigurat post adegwat ta' residenza ghal dawk il-minorenni **kollha** li ma jistghux jiddependu fuq il-familjari taghhom ghal bzonnijiet bazici taghhom, kif ukoll post adegwat ta' residenza kontrollata u sikura ghal dawk it-tfal u adolexxenti **kollha** li, possibilment minkejja l-isforzi kollha tal-genituri taghhom, ma jistghux jigu kkontrollati pero b'attenzjoni partikolari u professjonali jistghu jinzammu 'l boghod mit-triq tal-kriminalita. Postijiet dawn, li jridu ikun attrezzati u lesti li jilqaw dawk il-minorenni **kollha** li jkun mehtieg li tinstabilhom residenza alternattiva **immedjatament malli jinqala dan il-bzonn**. Assolutament ma jistax ikun li nibqaw niddependu fuq il-karita u "l-pjaciri" ta' dik l-istitutzzjoni jew l-iehor biex nipprovdu ghal dawn il-minorenni l-aktar vulnerabbli.

Illi kif diga ntqal s-sitwazzjoni ta'l-imputat ghadha l-istess bhal dik indikata fis-sentenzi hawn fuq kwotati. Il-Qorti ghadha tal-fehma li Omissis ghandu jinghata din l-ahhar opportunita biex jinqata' mill-ambjent tieghu u jaghmel il-programm residenzjali kontra il-vizzju tad-droga. F'dawn ic-cirkostanzi l-unika triq li ghandha l-Qorti hija li timponi probation ghar-reati odjerni u li ma titrattax ma' Omissis ghar-reati li taghha instab hati fis-26 ta' Jannar 2010.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(a)(c), 262(b), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Omissis hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. Ghar-ragunijiet

fuq espressi taghzel li ma tittrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom tpogga taht ordni ta' *probation* fis-26 ta' Jannar 2010. Peress illi l-imputat huwa minorenni l-Qorti tordna li ismu ma jigiex pubblikat f'l-ebda mezz ta'komunikazzjoni u/jew stampa.

Il-Qorti tordna ukoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Ministru tal-Gustizzja, lill-Ministru ghall-Politika Socjali u lill-Kummissarju tat-Tfal.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------